



Brussell, 19 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9316/17

Fajl Interistituzzjonal:
2016/0359 (COD)

JUSTCIV 112
EJUSTICE 65
ECOFIN 418
COMPET 415
EMPL 312
SOC 398
CODEC 833

NOTA

minn: Presidenza

lil: Coreper/Kunsill

Nru dok. Cion: 14875/16

Suġġett: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv u tat-tieni opportunità, kif ukoll miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri tar-ristrutturar, tal-insolvenza u tal-ħelsien mid-dejn u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE
- Dibattitu ta' orjentazzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Permezz tal-ittra tat-23 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv u tat-tieni opportunità, kif ukoll miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri tar-ristrutturar, tal-insolvenza u tal-ħelsien mid-dejn u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE (id-'Direttiva proposta dwar l-Insolvenza) lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.
2. Id-Direttiva proposta dwar l-Insolvenza hija soġġetta għall-proċedura leġislattiva ordinarja.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjal Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar id-Direttiva proposta fid-29 ta' Marzu 2017.

4. Din il-proposta hija riżultat ewlieni taħt il-'Pjan tal-Unjoni dwar is-Swieq Kapitali' u l-'Istrateġija tas-Suq Uniku'. L-objettiv tagħha huwa li jitnaqqsu l-aktar ostakli sinifikanti għall-fluss libru tal-kapital li jirriżultaw mid-differenzi fl-oqfsa ta' ristrutturar u ta' insolvenza, u li jiġi żgurat li kumpanniji u imprendituri vijabbi f'diffikultà finanzjarji jkollhom aċċess għal-proċeduri effettivi ta' ristrutturar preventiv u tat-tieni opportunità, filwaqt li jiġu protetti l-interessi leġittimi tal-kredituri. Skont il-Memorandum ta' Spiegazzjoni, il-proposta tfitħex li tibbilanċja l-interessi differenti involuti – dawk tad-debituri, il-kredituri, l-impiegati u s-soċjetà ingħerali – li jippermetti lill-Istati Membri lok għall-flessibbiltà meta jimplimentaw id-Direttiva fil-liġi nazzjonali. Fil-kuntest tal-ħidma tal-Kummissjoni fuq l-Unjoni Bankarja, il-proposta tfitħex ukoll li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni ta' self-improduttiv.
5. L-objettivi tal-proposta rċevew, fil-prinċipju, appoġġ wiesa' mill-ministri fis-27 ta' Jannar 2017 matul il-laqgħa informali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Id-diskussionijiet matul din il-laqgħa enfasizzaw l-importanza li jinstab bilan ġust bejn l-interessi tad-debitur u l-kredituri u biex ikun hemm lok għall-flessibbiltà sabiex ma jkunx hemm tfixkil ta' sistemi nazzjonali li jaħdnu b'mod effiċjenti. Id-diskussionijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivil (Insolvenza) wrew approvazzjoni ġenerali tal-objettivi tal-proposta. Madankollu, id-delegazzjonijiet enfasizzaw ukoll il-kumplessità tad-Direttiva proposta minħabba r-rabta tagħha ma' oqsma oħra tal-liġi nazzjonali, u l-ħtieġa li tirriżulta li l-Istati Membri jingħataw bizzżejjed flessibbiltà biex jadattaw il-miżuri tal-UE għas-sitwazzjoni ekonomika u l-istrutturi legali lokali.
6. Il-Presidenza hija tal-fehma li d-Direttiva proposta dwar l-Insolvenza tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-investimenti transfruntier, tgħin biex issaħħa l-ekonomija tal-Ewropa u toħloq l-impieggi billi tagħti nifs lil kumpanniji u imprendituri f'diffikultà u tgħinhom jerġgħu jqumu fuq saqajhom. Il-Presidenza għalhekk taħseb li jeħtieġ li tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lil din il-proposta fil-Kunsill.
7. Sar progress ġmielu fil-Grupp ta' Ħidma u, wara l-ewwel eżami dettaljat tal-Artikoli 1 sa 9, il-Presidenza identifikat għadd ta' aspetti li jirrikjedu ċertu livell ta' gwida politika.

8. L-aspetti identifikati hawn taħt ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jfissru li dawn huma l-uniċi kwistjonijiet li qamu waqt il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma. Madankollu, dawn l-aspetti ġew identifikati bħala li kienu digħi jirrikjedu ċertu livell ta' gwida politika għal ħidma futura fil-livell tal-esperti. Għalhekk, il-Grupp ta' Ħidma ser ikompli jaħdem fuq l-aspetti l-oħra kollha tad-Direttiva proposta dwar l-Insolvenza.

II. **PRINĊIPJI**

A. Rrwol tal-qrati nazzjonali f'oqfsa ta' ristrutturar preventiv

9. Sabiex tīgi ffaċilitata d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' oqfsa ta' ristrutturar preventiv għad-debituri, id-Direttiva proposta tintroduċi dispożizzjoni biex tillimita l-involviment ta' awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi sa fejn dan ikun meħtieġ biex jiġu salvagwardati d-drittijiet tal-partijiet affettwati. L-għan ta' din id-dispożizzjoni, skont il-Kummissjoni, huwa li tīgi promossa l-effiċjenza u jitnaqqsu d-dewmien u l-ispejjeż, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, filwaqt li fl-istess ħin jiġi rrikonoxxut ir-rrwol ta' kontroll ġudizzjarju meta d-drittijiet tal-partijiet affettwati jkunu f'riskju. Barra minn hekk, jidher li l-proposta tippermetti lill-Istati Membri lok għall-flessibbiltà fl-implementazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fil-qafas nazzjonali tagħhom dwar l-insolvenza.
10. Madankollu, abbażi tal-esperjenzi ta' xi Stati Membri, l-intervent ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva mhux dejjem ifisser li proċedura ssir inqas effiċjenti. Aspetti importanti enfasizzat minn bosta delegazzjonijiet huwa li r-rrwol tal-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva huwa li tiggarantixxi l-imparzjalità, tissalvagwarda l-bilanċ bejn id-debituri u l-kredituri tagħhom, kif ukoll fost il-kredituri nnifishom, u fl-aħħar nett tissalvagwarda l-interess ġenerali. Peress li din il-limitazzjoni fuq ir-rrwol tal-qorti hija introdotta bħala obbligu, din id-dispożizzjoni tista' tolqot l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri mingħajr kjarifika spċificka dwar meta Stat Membru jista' jippermetti lil qorti biex tintervjeni fil-proċedura. Għalhekk għandu jiġi rikonoxxut li dritt ta' aċċess għall-qrati fċerti ċirkostanzi jista' jiġi għgarantit skont l-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru.

11. Sabiex jinkiseb l-għan li tīgi promossa l-effiċjenza u jitnaqqsu d-dewmien u l-ispejjeż, filwaqt li fl-istess ħin tīgi rispettata l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, dan il-prinċipju ġenerali jista' jiġi fformulat mill-ġdid sabiex jippermetti lil dawk l-Istati Membri li jixtiequ jillimitaw ir-rwol tal-qrati jew dak tal-awtorità amministrattiva rilevanti fil-proċedura biex jagħmlu dan, mingħajr ma jagħmluh obbligu, biex b'hekk jista' jkun hemm flessibbiltà suffiċjenti għall-Istati Membri.
12. *Il-Presidenza għalhekk tistieden lill-Kunsill biex jikkonferma l-approċċ li titkompla l-ħidma fuq il-bażi li l-prinċipju ġenerali li jillimita r-rwol tal-qrati jew l-awtorità amministrattiva f'oqfsa ta' ristrutturar preventiv għandu jippermetti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri milli attwalment previst fil-proposta.*

B. Debitur fil-pussess

13. Objettiv ewljeni tal-Proposta huwa li jinstab bilanċ adatt bejn id-drittijiet tad-debituri u tal-kredituri. Għalhekk, is-salvagwardji għandhom jiġu previsti kull fejn il-miżuri proposti jkollhom impatt potenzjalment negattiv fuq id-drittijiet tal-partijiet. Dan huwa partikolarmen importanti biex tīgi prevista ċertezza legali għall-investituri fkuntest transfruntier.
14. Id-Direttiva proposta dwar l-Insolvenza tintroduċi prinċipju li d-debituri għandhom jibqgħu totalment jew għall-inqas parzjalment fil-kontroll tan-negożju tagħhom meta jibdew proċedura ta' ristrutturar preventiv, magħruf bħala l-prinċipju ta' 'debitur fil-pussess'. Id-delegazzjonijiet laqgħu b'mod ġenerali dan il-prinċipju fil-Grupp ta' Ħidma.
15. Id-Direttiva proposta dwar l-Insolvenza tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jivvalutaw jekk għandux jinħatar jew ikunx involut prattikant tar-ristrutturar skont il-każ, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ jew tal-ħtiġijiet spċifici tad-debitur, u għalhekk tipprobixxi lill-Istati Membri milli jagħmlu l-ħatra jew l-involviment ta' prattikant obbligatorju f'kull każ. Madankollu, ċerti każ-żejjiet ser jirrikjedu livell ta' superviżjoni fejn dan ikun meħtieġ biex jiġu ssalvagwardati l-interessi leġittimi tal-kreditur. Il-ħatra jew l-involviment ta' prattikant tar-ristrutturar jipprovd i-tali salvagwardja f'dawn il-każ-żejjiet.

16. Id-Direttiva proposta dwar l-Insolvenza attwalment fiha lista eżawrjenti ta' każijiet fejn l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu l-ħatra jew l-involviment obbligatorju ta' prattikant tar-ristrukturar. Madankollu, id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma wrew li lista eżawrjenti tista' ma tipprovdix lill-Istati Membri l-flessibbiltà adatta biex jiġi żgurat il-bilanċ ġust bejn l-interessi tad-debitur u tal-kredituri. Opzjoni li tipprovdi din il-flessibbiltà tista' tkun li l-lista ma tkunx waħda eżawrjenti.
17. *Il-Presidenza tistieden lill-Kunsill biex jikkonferma l-approċċ ta' ħidma fuq il-bażi li d-debitur għandu jibqa', għall-inqas parzjalment, fil-pussess tan-negozju tiegħu u tal-assi tiegħu matul il-proċeduri ta' ristrutturar preventiv.*
18. *Fl-aħħar nett, il-Presidenza tistieden lill-Kunsill biex jaqbel li d-Direttiva proposta dwar l-Insolvenza għandha tippermetti lill-Istati Membri flessibbiltà adatta fir-rigward tal-ħatra jew l-involviment obbligatorju ta' prattikant tar-ristrukturar, pereżempju billi l-lista tal-każijiet li jirrikjedu l-ħatra ma tkunx waħda eżawrjenti.*

III. KONKLUŻJONI

19. Il-Presidenza tistieden lill-Coreper/Kunsill (Għustizzja u Affarijiet Interni) jagħmel dibattitu ta' orjentazzjoni bil-ħsieb li japprova l-prinċipji stabbiliti fil-Parti II ta' din in-nota bħala gwida ġenerali għall-ħidma futura fuq id-Direttiva proposta.